MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru. 699/2007

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)

**vs.**

**Joseph Bianco**

**Illum 2 ta' Ottubru 2012**

**Kawza Distrett Numru 699/2007**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Joseph Bianco, bin Francis u Carmela nee' Fenech, imwieled fis-16 ta' Dicembru 1958, residenti f''Ta' Pawlu', Triq Margaret Murray, Naxxar, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 8959(M), akkuzat talli;

fit-12 ta' Awwissu 2006, bil-hsieb li jezercita dritt li jippretendi li ghandu, qabad u dahal gewwa l-propjeta ta' Anthony Tabone, Margerita Mizzi, Rozina Cauchi u Mariano Tabone, liema propjeta tinsab fil-bajja tax-Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-diversi dokumenti esebiti.

Semghet il-provi tal-partijiet, inkluz lill-imputat li xehed minn jeddu b'mod volontarju u lix-xhud prodott minnu.

Rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tar-*raggion fattasi*. Hu gie akkuzat li fit-12 t'Awissu 2006 qabad u dahal fil-proprjeta' ta' Anthony Tabone, Margerita Mizzi, Rozina Cauchi u Mariano Tabone, il-parti leza.

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

*"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u*

*(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi,* ***Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia****, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506;* ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia****, Appell*

*Kriminali 17 ta' Frar, 1995;* ***Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar****, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G.,* ***Annotazioni alle Leggi Criminali*** *(Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta'* ***ragion fattasi*** *jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta'* ***ragion fattasi*** *jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".* [1]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

**Ikkunsidrat**

Illi bhala data, l-akkuza tindika 12 ta' Awissu 2006. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni u l-parti leza jinhtigielhom jippruvaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li f'din id-data partikolari gie kommess xi att arbitrarju u estrem minn naha tal-imputat li permezz tieghu l-parti leza gew mfixkla fil-pussess ta' hwejjighom, jew inkella gew zvestiti mill-proprjeta tal-istess.

Illi, mix-xhieda kollha prodotti f'din il-kawza, kienu biss John Tabone u l-imputat li ghamlu riferenza ghad-data ndikata fl-akkuza. Tabone xehed li dakinhar tat-12 t'Awissu 2006, ghas-7.00am sab lill-imputat u lit-tifel tieghu fil-proprjeta' tieghu u ta' hutu gewwa x-Xlendi. Jghid li mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Xhud iehor li jaghmel riferenza <u>ghal data</u> (**u mhux** <u>ghad-data</u>) huwa PC 1097 Mario Casha li fl-affidavit tieghu (*fol.* 9) jghid li dakinhar tat-**12 ta' Awissu 2007** kien xoghol ix-Xlendi u ghal habta tas-7.00am mar l-Ghassa John Tabone sabiex jirraporta lill-imputat ghax l-istess imputat kien dahal fl-ghalqa tieghu msejha tac-Carrut, limiti tax-Xlendi.

---

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

Illi,m'hemmx dubju li filwaqt li l-Prosekuzzjoni ghandha tippezenta provi bizzejjed lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, liema provi ghandhom ikunu bizzejjed sabiex l-imputat ikun jista' jinstab hati, m'ghandux ikun hemm kunflitt fil-provi prodotti. Filwaqt li l-akkuza taghmel riferenza ghad-data 12 t' Awissu 2006, fl-affidavit tieghu, PC 1097 Mario Casha jaghmel riferenza ghat-12 t'Awissu 2007. Da parti tieghu, l-imputat, meta xehed in kontro-ezami, jispjega x'kien ghamel dakinhar tat-12 t'Awissu 2006. Minkejja dan il-kunflitt fid-data, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-mertu tal-kawza.

Illi, filwaqt li l-parti leza tghid li l-proprjeta' in kwistjoni hija taghhom, l-imputat jghid l-proprjeta' in kwistjoni hija proprjeta' tal-kunjata tieghu, Maria Mercieca, li xehdet ukoll f'dawn il-proceduri. L-imputat jghid li kien mar fil-proprjeta' in kwistjoni sabiex ikejjel ir-raba' minhabba tal-MEPA.

Illi kemm John Tabone u kif ukoll l-imputat ezebew diversi dokumenti meta huma xehdu: gew ezebiti kuntratti, pjanti, permessi, rcevuti, ritratti, *site plan*, kopji ta' sentenzi, kopja ta' akkuza ecc. Minkejja d-diversi dokumenti, inkluz kuntratti ezebieti f'dawn il-proceduri, il-Qorti tirrileva li ai fini tar-reat ta' *ragion fattasi* m'hemmx lok li jigi ppruvat it-titolu; huwa necessarju biss li l-Prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess gie mfixkel b'azzjoni ta' terzi sabiex b'hekk il-possessur ma setghax igawdi il-pussess liberu tal-oggett.

Illi, sabiex jigi tkun tista' tinstab htija fl-imputat, il-Qorti trid bil-fors tara jekk giex kommess xi att spoljattiv, x'kien, minn min sar u meta. Illi, bir-rispett kollu, mill-provi prodotti jirrizultaw biss allegazzjonijiet. Ma hemmx provi ghar rigward tar-rapport li sar, u dana qieghed jinghad apparti l-fatt diga ndikat hawn fuq rigward id-dati msemmija tat-12 ta' Awissu 2006 u tat-12 ta' Awissu 2007.

Illi, riferenza sejra ssir ghas-sentenza moghtija fil-5 ta' Marzu 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bianco** (*fol.* 150 *et seq.*). F'din il-kawza l-imputat kien gie

akkuzat li f'Lulju 2006, cioé xahar qabel l-akkuza fil-kawza odjerna. qala' u qata u naddaf xi haxix tal-ghalqa. Illi f'din is-sentenza, il-Qorti qalet hekk: *"Il-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu tipprova li l-kwerelanti kellu l-pussess tal-art sabiex imbaghad tista' tghid li gie spoljat minnha. Illi pero mill-provi ma jirrizultax li xi hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kellu l-pussess effettiv taghha tant li lanqas access ma kien hemm. Mill-banda l-ohra jirrizulta li l-art tappartjeni lil kunjata tal-imputat u li l-imputat kien registrat li jahdimha. Irrizulta wkoll li meta bena xi hajt madwar l-ghalqa permezz ta' hajt tas-sejjieh, hadd ma kien kellmu u li l-kwerelant kelmu hafna snin wara, lanqas meta l-imputat kien waqqaf lil Tabone milli jiftah bieb ghal gol ghalqa snin qabel"*.

Illi, bir-rispett kollu lejn il-partijiet, din m'hijiex xi kawza civili fejn il-Qorti trid tidhol biex tezamina d-drittijiet rispettivi spettanti lill-partijiet u ghalhekk tezamina kuntratti, dokumenti u pjanti minn fejn jista' jidderiva dana t-titolu. Dana l-ezercizzju jispetta lil qrati civili u l-partijiet ma jistghux juzaw il-qrati ta' gurisdizzjoni penali sabiex jiksbu xi dikjarazzjoni dwar min ghandu titolu o meno. Hawnhekk, il-parti leza, l-ewwel u qabel kollox, jenhtiegilhom igibu prova dwar dak li jallegaw u cioe' dwar il-kummissjoni tal-att spoljattiv da parti tal-imputat.

Illi, fil-kamp penali, kif inhu ben risaput, trid issir il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar il-kummissjoni o meno tal-att minn naha tal-imputat, li tista' twassal ghal sejbien ta' htija. Dina l-prova ma saritx.

Illi l-elementi essenzjali ghal sejbien ta' htija tal-imputat ma gewx pruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------